**21 ta' Lulju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

Salvatore Scerri

*versus*

Rosaria Mercieca

**Appell — Kontumaċja**

*Il-konvenut li jibqa' kontumaċi għall-kapitoli fil-prima istanza ma jispjegax il-kontumaċja tiegħu billi jallega illi ma kienx jaf għal meta l-kawża kienet ġiet differita wara l-ewwel appuntament, għax l-avukat tiegħu ma nfurmahx.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 1962 li biha ġiet respinta d-deduzzjoni magħmula mill-appellanti, fis-sens li s-sentenza appellata, bażata fuq il-konfessjoni preżunta tagħha, kienet affetta minn difett proċedurali peress illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tirritjeni l-kapitolu konfessat fis-seduta stess li fiha ġie preżentat, iżda kellha tiddifferixxi l-kawża għal darb'oħra skond l-art. 698 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, u ġiet riżervata lill-appellanti kull deduzzjoni oħra tagħha kontra l-imsemmija konfessjoni u kull ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, "si et quatenus";

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-unika spjegazzjoni li tgħat l-appellanti għall-kontumaċja tagħha quddiem l-Ewwel Qorti hija illi hi ma kienetx taf għal meta l-kawża kienet ġiet differita wara l-ewwel appuntament, għax l-avukat tagħha ma nformahiex. Ġie deċiż diversi drabi illi n-nuqqas tal-avukat li jinforma lill-klijent tiegħu, konvenut f'kawża, bid-data tas-smiegħ tal-kawża ma jiġġustifikax il-kontumaċja (ara "Camilleri vs. Stellini", 6.2.1954 — Vol. XXXVIII-I-363);

Deduzzjonijiet oħra kontra l-konfessjoni preżunta derivanti minn nuqqas ta' dehra għas-subizzjoni ma sarux;

Għalhekk għall-appell tal-konvenuta hemm l-ostakolu tal-kontumaċja u l-preżunta ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti u konsegwentement il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u fis-sens premess tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti. It-terminu għall-iżgumbrament mogħti mill-Ewwel Qorti jibda jgħaddi mil-lum.